MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 40/2004/1

**Dr. Joseph Brincat bhala mandatarju specjali tal-assenti Mark Stephens**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell – proprjament zewg appelli – minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi moghtija fit-12 ta' Novembru, 2004.

2. Il-fatti f'din il-kawza ma humiex in kontestazzjoni. Fil-kors ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet ***The Police v. Gregory Robert Eyre and Susan Jane Molyneaux*** u meta dik il-kawza kienet fi stadju ta' rinviju, dik il-Qorti, wara li semghet id-deposizzjoni tas-Supretendent Neil Harrison, harget mandat ta' arrest datat 5 ta' Frar, 2004 li kien jghid testwalment hekk:

**"The Court on the strength of the evidence given by Supt. N. Harrison today makes reference to Article 397 of Chapter 9 of the Laws of Malta which article provides in sub-section 1 that and later reproduced in the article sub section 1**

**"*"The Court may order the attendance of any witness and the production of any evidence which it may deem necessary, as well as the issue of any summons or warrant of arrest against any other principal or accomplice whom the court may discover. The court may likewise order any inquest, search, experiment or any other thing necessary for the fullest investigation of the case."***

**"Orders therefore the arrest of Mark Charles Stephens, British National, d.o.b. 21.03.63, to answer to charges of conspiracy in the importation of drugs in terms of article 22(1)(e)(f) of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta, and article 120(A)(1)(e)(f) of the Medical and Kindred Professions Act, Chapter 31 of the Laws of Malta. The court orders that such arrest be executed even by means of an international arrest warrant."**

3. Il-fatti li a bazi taghhom dik il-Qorti harget l-imsemmi mandat ta' arrest – u li dwarhom kien iddepona s-Supretendent Harrison – kienu li l-Pulizija Ezekuttiva kellha informazzjoni attendibbli li Stephens kien qed jibghat (u kien ilu hekk jibghat ghal hafna snin) permezz ta' *couriers* droga lejn Malta indirizzata lil persuni f'Malta li maghhom kien ikun ftiehem dwar l-istess droga. Skond l-

informazzjoni li kellha l-Pulizija, u li tqeghdet quddiem il-Qorti Istruttorja[1], Stephens, meta kien jaghmel dan il-ftehim mal-persuni f'Malta kif ukoll mal-*couriers* kien fizikament barra minn Malta, u senjatament fi Spanja. In segwitu ghal dan il-mandat ta' arrest, Stephens gie arrestat fi Spanja u nbdew il-proceduri ghall-estradizzjoni tieghu lejn Malta.

4. Permezz ta' rikors datat 12 ta' Ottubru, 2004 presentat quddiem dik il-Qorti – cioe` il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – u fl-atti tal-kawza kontra Eyre u Molyneaux aktar 'l fuq imsemmija, Mark Stephens, kif rappresentat fl-assenza tieghu minn Malta mill-Avukat Dott. Joseph Brincat, wara li invoka l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali, talab lil dik il-Qorti li tirrevoka u tannulla l-mandat taghha ta' arrest tal-5 ta' Frar, 2004 u li konsegwentement tordna lill-Avukat Generali li jirtira t-talba tieghu ghall-arrest tieghu mill-awtoritajiet Spanjoli, u dan peress li allega li d-detenzjoni tieghu fi Spanja kienet bi ksur tal-ligi ghax il-Qrati Maltin, fuq il-fatti allegati, ma kellhomx gurisdizzjoni jipprocedu kriminalment kontra tieghu, kif ukoll ghax dik il-Qorti (il-Qorti Istruttorja) ma setghetx tohrog il-mandat ta' arrest skond l-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali fl-istadju li fih hargitu (cioè wara li kienet iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza u ghalhekk fl-istadju tar-rinviji). Dik il-Qorti, b'digriet datat 26 ta' Ottubru, 2004 cahdet it-talba maghmula taht l-imsemmi Artikolu 409A wara li, *inter alia*, iddikjarat li l-fatti allegati kienu jammontaw ghal reat li dwarhom il-qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni jipprocedu kontra l-imsemmi Stephens, u li s-setghat tal-Qorti Istruttorja skond l-imsemmi Artikolu 397 tal-Kodici Krminali ma kienux limitati jew ristretti ghall-perjodu ta' qabel ma dik il-Qorti tiddikjara li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza izda dawk is-setghat kienu ezercitabbli wkoll fl-istadju tar-rinviji (ara kopja tad-digriet a fol. 24 tal-process).

---

[1] L-istess Supretendent iddepona wkoll dwar dawn il-fatti quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-bierah.

5. Permezz ta’ rikors presentat fid-29 ta’ Ottubru, 2004 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, Stephens, permezz tal-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dott. Joseph Brincat, allega ksur tas-subartikoli (1) u (4) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tieghu u dan bazikament ghal tlett ragunijiet: (i) ghax il-qrati Maltin ma kellhomx gurisdizzjoni jipprocedu kriminalment kontra tieghu; (ii) ghax il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma kellhiex il-kompetenza tohrog il-mandat li effettivament harget; u (iii) u ghax l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali ma kienx jissodisfa l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni peress li f’kaz ta’ ezitu negattiv ghar-rikorrent (bhalma gara fil-kaz tieghu) l-istess rikorrent ma kellux id-dritt ta’ “appell” lill-Qorti Kriminali bhalma kellu l-Avukat Generali fil-kaz ta’ ezitu pozittiv ghar-rikorrent.

6. B’sentenza moghtija fit-12 ta’ Novembru, 2004 (li kopja taghha qed tigi, ghall-kompletezza, annessa ma’ din is-sentenza bhala Appendici “A” biex tifforma parti integrali minnha) il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

**“Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi, filwaqt li tiddikjara li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni fuq ir-rikorrent in konnessjoni mar-reati kontemplati fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 u l-Artikolu 120A(1)(f) tal-Kapitolu 31, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif ser jinghad: billi tiddikjara li l-*warrant of arrest* mahrug kontra Mark Stephens ma nharigx skond il-ligi, u ghalhekk bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea; tordna r-revoka tal-istess mandat u r-rilaxx tar-rikorrent mill-arrest; inoltre tiddikjara li l-Artikolu 409A tal-Kap. 9 u precisament is-subinciz (4) ma jissodisfax pienament ir-rekwiziti tal-Artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni ghar-ragunijiet fuq indikati; u finalment tiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent minhabba l-arrest illegali fis-somma ta’ mitejn u hamsin lira maltin (Lm250). L-ispejjez a kariku ta’ l-intimat.”**

7. Minn din is-sentenza appellaw kemm Stephens kif ukoll l-Avukat Generali. L-appellant Stephens jikkontendi – konsistentement ma’ dak li kien issottometta kemm

quddiem il-Qorti Istruttorja kif ukoll quddiem il-Prim Awla – li fuq il-fatti allegati l-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ma setghux jipprocedu kriminalment kontrih (u allura ma setax ikun hemm lok ghall-mandat ta’ arrest), kif ukoll jikkontendi li l-kumpens huwa baxx hafna tenut kont tal-fatt taz-zmien kemm ilu arrestat, u cioe` minn Awissu. L-Avukat Generali, min-naha tieghu, jikkontendi bazikament li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rriteniet li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma setghetx, fi stadju tar-rinviji, tinvoka l-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali u tohrog il-mandat ta’ arrest in forza ta’ dik id-disposizzjoni. Jilmenta wkoll li kienet skorretta meta rriteniet li l-Artikolu 409A u partikolarment is-subartikolu (4) tieghu ma jissodisfax ghal kollox ir-rekwiziti tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, li ma kienx hemm lok ghal kumpens peress li Stephens kien jinsab arrestat fi Spanja taht il-ligi tal-estradizzjoni Spanjola, kif ukoll li l-ewwel Qorti ma setghetx tordna r-rilaxx tieghu peress li tali ordni ma setax fi kwalunkwe kaz jigi ezegwit galadarba l-arrest kien sar fi Spanja in forza tal-ligi Spanjola in segwitu ghal talba ghall-estradizzjoni, liema talba ma giet b’ebda mod annullata.

8. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-bierah, u tixtieq tikkummenta mill-ewwel dwar il-mod car u konciz kif iz-zewg appellanti ppresentaw ir-rikorsi ta’ appell rispettivi taghhom b’mod li ffokaw mill-ewwel fuq dak li huwa essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vertenza minghajr ma ntilfu f’irrelevanzi. L-istess jista’ jinghad ghar-risposta ta’ l-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru, 2004 kif ukoll ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Dott. Joseph Brincat presentata l-bierah *seduta stante*. Din il-kjarezza fl-esposizzjoni ghamlitha possibbli ghal din il-Qorti li tghaddi ghas-sentenza llum stess.

9. L-ewwel aggravju li ser tezamina din il-Qorti huwa dak tal-appellant Stephens u li jirrigwarda l-gurisdizzjoni jew l-allegat nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ta’ Malta li jipprocedu kontra tieghu fuq il-fatti allegati mill-Pulizija Ezekuttiva u li rrizultaw quddiem il-Qorti Istruttorja. Bazikament l-appellant qed jikkontendi li galadarba huwa kien barra minn Malta meta sar l-allegat

ftehim man-nies f'Malta kif ukoll mal-*couriers* ma hemmx reat prosegwibbli f'Malta. Jinghad ghall-kompletezza li dak kollu li nghad mill-partijiet f'dan ir-rigward – u anke dak li ser jinghad minn din il-Qorti – ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-Artikolu tal-ligi taht il-Kap. 101 japplika *mutatis mutandis* ghad-disposizzjoni identika taht il-Kap. 31.

10. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 48A tal-Kodici Kriminali, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 23[2], kif ukoll l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 u ma tarax kif l-appellant Stephens jista' b'xi mod jilmenta li l-arrest tieghu ma kienx "skond il-ligi" (ghall-finijiet tal-paragrafi (c) jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni) minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fir-rigward tal-fatti kif allegati kontra tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-disposizzjoni tal-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 taghti lok li jinhareg il-mandat ta' arrest bhalma nhareg f'dan il-kaz, u dan ghax il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali f'Malta ghandhom gurisdizzjoni fuq, u jistghu jipprocedu kontra, kull persuna li tassocja ruhha "ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta" sabiex tbiegh jew titraffika d-droga f'Malta (sottolinear ta' din il-Qorti). Fi kliem iehor, il-fatt ta' assocjazzjoni, bi skop ta' traffikar ta' droga f'Malta, li jsir kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jidher li hu kontemplat f'din il-ligi specjali bhala reat u ghalhekk jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta. Bhala ligi specjali, anke jekk il-ligi generali fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali tipprovdi xort'ohra – ghax skond l-Artikolu 48A l-agent irid ikun f'Malta meta jassocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta – tipprevali din il-ligi specjali in materja ta' traffikar ta' droga, u dan in vista proprju ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 23 – *"Kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali tghodd fil-kaz ta' reat ikkontemplat f'ligi specjali, hlief meta dik id-disposizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti tosserva inoltre li dan il-punt – u cioe` ta' jekk, meta l-*conspiracy* ssir barra minn Malta, ikunx hemm reat fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' dawn il-

[2] Ordinanza dwar it-Tifsir ta' Pieni.

Gzejjer – kien gie deciz affermattivament mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 1995 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Ali Mohamed Ali Knajber***, u dan fi zmien meta addirittura l-Artikolu 5 tal-Kodici Kriminali kien, f'certu sens, aktar restrittiv milli kif inhu llum. In fatti dak iz-zmien is-subartikolu (1) tal-Artkolu 5 tal-Kap. 9 kien jibda bil-kliem: *"L-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skond il-ligijiet taghha…"* . Illum, wara l-emendi introdotti fl-2002, l-istess disposizzjoni tibda bil-kliem: *"Bla hsara ghal kull disposizzjoni specjali ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li taghti gurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiggudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skond il-ligijiet taghha…"*. Fl-ahhar nett din il-Qorti tirrileva li hija taqbel mas-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali li sabiex hija tiddetermina jekk hemmx il-"legalita`" ghall-fini tal-paragrafi (c) u/jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, hija m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Krminali li lilhom jispetta <u>l-kompitu primarju</u> li jinterpretaw id-disposizzjonijiet tal-ligi penali. Fi kliem iehor, anke jekk hemm, bhalma wiehed jista' forsi jargumenta li hemm, zewg interpretazzjonijiet plawsibbli ghall-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 – u cioe` li l-agent li jikkongura irid ikun ghamel hekk f'Malta, kif qed jikkontendi Stephens, jew li l-agent jista' anke jikkongura meta huwa jkun fizikament barra minn Malta, bhalma rritenew f'diversi kazijiet il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna (ghalkemm xi mindaqqiet dan gie ritenut biss implicitament) – din il-Qorti ghandha tiddeciedi li l-arrest *de quo* sar "skond il-ligi". Konsegwentement dan l-aggravju ta' l-appellant Stephens qed jigi respint.

11. Ser jigi ezaminat issa l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali fir-rigward ta' l-Artikolu 409A tal-Kap. 9. Din il-Qorti ma tarax kif is-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu 409A jista' b'xi mod jidhol fix-xena f'din il-kawza. Fir-rikors promotur quddiem il-Prim Awla, ir-rikorrent (Stephens, tramite l-mandatarju specjali tieghu) allega ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni minhabba l-mod differenti ta' kif, permezz ta' dana s-subartikolu, jigi trattat ir-rikorrent (li jkun qed jallega li qed jinzamm detenut kontra l-ligi) u l-Avukat Generali. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, wara li kkonstatat dan il-fatt ta'

"trattament differenti", ziedet li meta l-Avukat Generali jirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali, dik il-Qorti (il-Qorti Krminali) tista' timxi b'mod sommarju minghajr ma tisma' lir-rikorrent (li allura jkun gie ordnat ir-rilaxx tieghu mill-Qorti tal-Magistrati). Jibda biex jinghad li galadarba l-Qorti tal-Magistrati, bid-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2004, cahdet it-talba tar-rikorrent, f'ebda hin ma skatta u b'ebda mod ma seta jiskatta s-subartikolu (4) imsemmi. Ma jistax, ghalhekk, Stephens jilmenta li hu gie b'xi mod zvantaggjat fil-konfront ta' l-Avukat Generali (jew tal-"prosekuzzjoni"). Pero`, apparti dan kollu, kull ma jirrikjedi l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni hu li jkun hemm il-mekkanizmu li min "…ikun ipprivat mil-liberta` tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu d-dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta` tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi". Fi kliem iehor, sakemm ikun hemm qorti li fi zmien qasir ossia malajr tkun tista' tiddeciedi dwar il-legalita` o meno ta' arrest jew detenzjoni partikolari, il-vot tal-Artikolu 5(4) ikun gie sodisfatt. Il-fatt li l-legislatur Malti ipprovda li fil-kaz ta' ordni ta' rilaxx mill-Qorti tal-Magistrati ikun hemm il-possibilita` ta' revizjoni mill-Qorti Kriminali fuq talba ta' l-Avukat Generali ma jnaqqas xejn mill-effikacja tal-mekkanizmu kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 5(4). Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali f'dan ir-rigward jimmerita li jigi akkolt.

12. Din il-Qorti sejra tezamina issa l-ilment ta' l-Avukat Generali dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rriteniet li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma setghetx tohrog mandat ta' arrest in forza ta' l-Artikolu 397 tal-Kap. 9 wara li l-kumpilazzjoni tkun inghalqet fit-termini ta' l-Artikolu 401 ta' l-istess Kap. 9. Jigi rilevat li l-mandat in kwistjoni kjarament hareg biss in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 397 imsemmi, u ghalhekk mill-Qorti (il-Qorti Istruttorja); il-mandat *de quo* ma harigx, ghalhekk, in forza ta' l-Artiklu 355V tal-Kodici Kriminali, li jaghti s-setgha lil Magistrat (mhux lil Qorti) li johrog mandat ta' arrest meta jkun hemm ragunijiet bil-ligi ghall-arrest ta' persuna. Din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet u wara li ezaminat id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw il-procedura ta' l-istruttorja, hi tal-

fehma li ma tistax takkolji l-aggravju ta’ l-Avukat Generali f’dan ir-rigward. Wara li tkun inghalqet il-kumpilazzjoni skond l-Artikolu 401 u jkunu qed isiru r-rinviji da parti ta’ l-Avukat Generali (li jista’ anke jirrinvija lill-Qorti Istruttorja minhabba li “l-imputat ikun irid jisma jew jerga’ jisma’ xi xhieda” – Art. 405(5), Kap. 9), il-Qorti Istruttorja hi marbuta bit-termini tan-nota jew noti ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali (jew bit-termini tat-talba ta’ l-imputat, fil-kaz tal-imsemmi subartikolu (5)). Din il-limitazzjoni fuq il-funzjoni u l-poteri tal-Qorti Istruttorja hi ben stabbilita kemm fil-prassi tal-Qorti Istruttorja kif ukoll fil-gurisprudenza: il-proceduri jkomplu quddiem dik il-Qorti sabiex ikompli jigi istruwit il-process, pero` din l-istruzzjoni ulterjuri ssir biss fuq il-linji indikati mill-Avukat Generali skond l-imsemmi Artikolu 405 (salv, naturalment, dawk il-poteri li l-Qorti Istruttorja jista’ jkollha skond disposizzjonijiet tal-ligi li huma applikabbli ghall-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali kollha – ez. l-Artikoli 516 *et seq.* tal-Kodici Kriminali – jew disposizzjonijiet ta’ ligi li kjarament ma humiex marbuta ma’ xi stadju partikolari ta’ l-istruttorja – ez. l-Artikoli 412A, 412B, 575(2)(4A) u 580 tal-imsemmi Kodici). Issa, fil-kaz in dizamina minn imkien ma jirrizulta li l-mandat ta’ arrest tal-5 ta’ Frar, 2004 kien <u>xi konsegwenza neccessarja ta’ xi talba maghmula mill-Avukat Generali biex jinstema’ jew jerga’ jinstema’ xi xhud</u>. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix il-fehma tal-ewwel Onorabbli Qorti li f’dan il-kaz, u tenut kont ta’ l-istat tal-provi migjuba kemm quddiem dik il-Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, il-Qorti Istruttorja ma setghetx tinvoka l-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali biex tohrog il-mandat li effettivament harget. Konsegwentement dak il-mandat ma harigx “skond il-ligi” u ghalhekk huwa null u bla effett.

13. Stabbilit dan in-nuqqas, isegwi li kwalsiasi arrest effetwat in forza ta’ dak il-mandat ma sarx “skond il-ligi” u allura kien *pro tanto* arrest illegali ghal-fini ta’ l-Artkolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti setghet tordna “r-rilaxx tar-rikorrent mill-arrest”, u dan ghas-semplici raguni li, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali, Stephens jinsab arrestat mill-awtoritajiet Spanjoli (in forza, iva, tal-mandat ta’ arrest tal-5 ta’ Frar, 2004, pero` anke skond il-ligi Spanjola), u din il-Qorti ma

ghandha ebda gurisdizzjoni fuq dawk l-awtoritajiet Spanjoli. Ir-rimedju jista’ jkun biss wiehed dikjaratorju, u kumpens ghal danni morali. Kwantu ghall-imsemmija danni, tenut kont tal-fatt li l-illegalita` ta’ l-arrest f’dan il-kaz temani pjuttost minn difett procedurali milli minn xi fatt li jista’ jissejjah abbuz ta’ poter, din il-Qorti hi tal-fehma li m’ghandhiex tvarja l-ammont iffissat mill-ewwel Qorti (u f’dan is-sens, ghalhekk, qed tichad l-aggravju ta’ l-appellant Stephens fir-rigward tal-*quantum* ta’ l-istess kumpens).

14. Ghall motivi premessi, tiddisponi miz-zewg appelli interposti billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (**1**) tikkonfermaha f’dik il-parti biss fejn iffissat il-kumpens dovut lil Mark Stephens minhabba l-arrest illegali fis-somma ta’ mitejn u hamsin lira (Lm250) maltin; (**2**) izda thassarha u tirrevokaha fil-bqija (inkluz il-kap ta’ l-ispejjez) u minflok (**i**) tiddikjara l-mandat ta’ arrest mahrug mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fil-5 ta’ Frar, 2004 bhala null u bla effett u dan biss minhabba li dak il-mandat ma setax jinhareg minn dik il-Qorti bis-sahha tal-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali, (**ii**) konsegwentement tiddikjara li l-arrest ta’ Mark Stephens, in kwantu sehh in forza ta’ dak il-mandat, kien wiehed illegali ghall-finijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u (**iii**) tordna li l-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat registratur

gr

**Appendici “A”**

Kopja tas-sentenza 12 ta' Novembru, 2004 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili qeghda tigi annessa ma din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 40/2004/1

**Dr.Joseph Brincat bhala mandatarju specjali tal-assenti Mark Stephens**
**Vs**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ppremetta u talab hekk:

1. Illi Mark Stephens. Cittadin ta' nazzjonalita' Ingliza, gie arrestat fi Spanja fuq Arrest Warrant mahrug mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja u dan fi process fejn kienet miexja kumpilazzjoni kontra zewg cittadini brittanici ohra li kienu jinstabu Malta. Biex ghamlet dan il-Qorti tal-Magistrati kkwotat l-Artiklu 397 tal-Kodici Kriminali.

2. Illi in esekuzzjoni tal-Mandatt ta’ l-Arrest l-awtoritajiet spanjoli arrestaw lil Mark Stephens f’Awissu 2004.

3. Illi b’rikors prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-esponent talab ir-revoka tal-mandatt ta’ arrest li bis-sahha tieghu Mark Stephens qed jinzamm arrestat bi skop ta’ estradizzjoni lejn Malta, u dan skond l-Artiklu 409A tal-Kodici Kriminali li m’ilux fis-sehh. Fit-28 t’Ottubru, 2004, l-istess Qorti cahdet it-talba u dan a bazi tal-fatt li dehrilha li l-istess Qorti ghandha poter tagixxi taht l-Artiklu 397, anki meta tkun fi stadju ta’ rinviji, u inoltre li Malta kellha gurisdizzjoni dwar l-allegati reati msemmija fil-mandat ta’ arrest.

4. Illi l-esponenti ghalhekk esawrixxa kull rimedju iehor ordinarju u ghalhekk qed jadixxi din l-Onorabbli Qorti ghal rimedju taht il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. Illi l-lamenteli tal-esponenti huma s-segwenti. L-arrest fi Spanja ta’ Mark Stephens sehh biss in virtu’ tal-mandatt tal-arrest tal-awtoritajiet Maltin, u fuq talba mibghuta mill-Ufficcju tal-Avukat Generali fuq il-firma tal-Avukat Donatella Frendo Dimech, fejn giet kwotat il-Konvenjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni. L-esponenti nomine esebixxa fax copy li giet accettata mill-prosekuzzjoni waqt is-smiegh tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala kopja fidila. Jekk hemm arrest, allura, jrid ikun sar legalment mill-awtoritajiet Maltin li kienu qed juzaw l-awtoritajiet spanjoli bhala l-lunga manus taghhom.

6. Illi dan l-arrest mhux legali ghal ragunijiet semplici hafna. Fl-ewwel lok dwar ir-reati addebitati, kontra cittadin barrani li qed jigi allegat li agixxa unikament barra minn Malta, il-Qrati Maltin jista’ jkollhom gurisdizzjoni biss jekk ikun hemm ligi specifika li taghti tali gurisdizzjoni u dan skond l-Art 5 tal-Kodici Kriminali. Il-Qrati Maltin ma jistghux izidu mal-gurisdizzjoni taghhom bl-interpretazzjoni. Ligi specifika ma hemmx li tkopri l-kaz u l-ebda wiehed mill-artikli msemmija fil-Warrant of Arrest ma jolqot il-fatti allegati. Biex jigu evitati ripetizzjonijiet inutli,

qed tigi allegata kopja tar-rikors u l-argumenti hemm maghmula dwar dan il-punt.

7. Barra li ma kienx hemm gurisdizzjoni nazzjonali ta' Malta li legalment setghet tordna l-arrest ta' barrani fuq fatti li allegatament hu kkometta barra minn Malta, u konsegwentement ma setghetx tordna l-arrest tieghu, ghaliex il-gurisdizzjoni tibda mill-ewwel mument tal-esercizzju tal-azzjoni penali, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghandha kompetenza li tordna l-arrest ta' persuna li jidhrilha li tista' tkun involuta f'kaz, kemm-il darba ma tkunx ghalqet il-kumpilazzjoni u ddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-Qorti tal-Magistrati qalet li kellha tali poter, imqar meta kienet fi stadji tar-rinviji. Jekk dan hu hekk, allura ghandha wkoll obbligi fosthom dak li kull 15-il jum iggib il-persuna arrestata quddiemha halli tara hekk ragunijiet biex jibqa' arrestat. Fil-fazi tar-rinviju, bhal ma kien dak il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati kellha biss kompetenza li tisma' xhieda, u ma tiftahx l-istruttorja kollha kemm hi. Perezempju ma ghandha l-ebda poter li hekk igib provi l-imputat, tista' taghlaq ir-rinviju billi tghid li issa qed tara li ma hemmx izjed ragunijiet biex jitqieghed taht att ta' akkuza. Mandatt ta' Arrest minn Qorti mhux kompetenti huwa kontra l-ligi.

8. Illi hemm ilment iehor. Il-Kodici Kriminali giet emendat biex jaghti lok li jkun hemm qorti li tezamina l-legalita' tal-arrest, u dan skond l-Art 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan wara li kien hemm gudikati mill-Qorti Ewropea li Malta kienet qed tikser tali artiklu. Saret emenda. B'id wahda tat, u bl-ohra hadet lura. Fil-fatt, waqt li arrestat ghandu dritt li jmur quddiem il-Qorti skond l-Art. 409A tal-Kodici Kriminali, imma jekk jerbah ir-raguni tieghu, l-Avukat Generali jekk ma jaqbilx, jista' jaghmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali li jekk taqbel mieghu, tkun il-kelma finali. Ma hemm provvediment li f'dan "l-appell" li hu moghti biss lill-Avukat Generali hemm xi forma ta' smiegh. Jekk l-arrestat jitlef m'ghandux a second chance. Ma tistax tghid li ghandek qorti li legalment hija fair, li taghti chance doppju lill-prosekuzzjoni, u l-arrestat chance wiehed biss. Ghalhekk

dan l-artiklu gdid fjamant tal-Kodici taghna jikser l-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea, marbut ukoll mad-definzzjoni ta’ Qorti jew tribunal fl-Artiklu 6 tal-istess konvenzjoni.

9. Illi l-fatti allegati hawn fuq igibu li hemm ksur tal-Artiklu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan minhabba li l-arrest li sar bis-sahha tal-mandatt mhux “lawful”, u dan ghar-ragunijiet premessi, u fit-tieni lok li ma hemmx qorti kif trid l-istess Konvenzjoni ghall-ezami tal-legalita’ tal-arrest, u dan bi ksur tal-Artiklu 5(4) tal-istess Konvenzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti, waqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti fl-atti tar-rikors deciz fit-28 ta’ Ottubru 2004, mill-Qorti tal-Magistrati, u ghall-atti rilevanti, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-arrest warrant kontra Mark Stephens mhux skond il-ligi, u dan bi ksur tal-Artiklu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk tordna r-revoka tal-istess mandatt u konsegwenti talba ghall-estradizzjoni tieghu minn Spanja, u fit-tieni lok li tiddikjara li l-Artiklu 409A ma jissodisfax pjenament ir-rekwiziti tal-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; u finalment taghtih kumpens xieraq ghall-arrest legali.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li permezz taghha rrisponda ghat-talbiet tar-rikorrenti hekk:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jallega ksur ta’ l-artikoli 5(1) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mir-rikorrent, Mark Stephens gie arrestat minhabba assocjazzjoni ma’ persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap.101) u ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap. 31), jew li jippromovi,

jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja din l-assocjazzjoni u dan ai termini ta’ l-art.22(1)(f) u l-art. 120A(1)(f) ta’ dawn l-istess Ordinanzi rispettivament.

Illi l-Qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni illi jordnaw l-arrest ta’ Mark Stephens minhabba l-assocjazzjoni fuq imsemmija u dan anki ai termini ta’ l-art.5(1)(i) tal-Kodici Kriminali li taghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin biex jagixxu kontra kull min jaghmel reat li, b’disposizzjoni espressa tal-ligi, fil-vertenza odjerna l-artikoli ta’ l-Ordinanzi fuq citati, jkun jikkostitwixxi reat ukoll meta jsir barra minn Malta.

Illi l-arrest ta’ Mark Stephens sar abbuzi ta’ l-artikolu 397 tal-Kodici Kriminali li jipprovsi li l-qorti tista’ tordna t-tahrika ta’ xhieda u l-produzzjoni ta’ provi li jkun jidhrilha mehtiega, kif ukoll il-hrug ta’ citazzjonijiet, mandati ta’ arrest kontra kull awtur iehor jew komplici li hija tikxef, u fil-fatt l-arrest gie ordnat mill-Qorti tal-Magistrati wara li nstemghu x-xhieda li nghatat fil-kors tal-kumpilazzjoni Pulizija vs Gregor Robert Eyre u Susan Jayne Molyneaux meta l-process kein quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Illi bl-ebda mod ma jista jinghad li l-kumpilazzjoni tinkorpora biss l-ewwel xahar minn mindu tibda ghaliex il-kumpilazzjoni tibqa’ ghaddejjasakemm effettivament tinghalaq u fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghandha poteri sanciti fil-Kodici Kriminali li ma jsirux fl-ewwel xahar tal-kumpilazzjoni. Ghalhekk meta l-process wiehed mir-rinviji ikun quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja din il-Qorti tista’ tezercita l-poteri taghha bhal f’dan il-kaz il-hrug ta’ mandat ta’ arrest fil-konfront ta’ komplici li hija kixfet.

Illi rigward l-art.409 (A) tal-Kodici Kriminali l-esponent jissottometti li dan l-artikolu ma japplikax ghal Mark Stephens ghaliex huwa qed jigi detenut sabiex ikun jista’ jwiegeb ghall-akkuza ta’ assocjazzjoni fl-importazzjoni ta’ droga gewwa Malta ai termini ta’ l-art.22(1)(f) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha u ghalhekk mhuwiex qed jigi

mizmum arrestat dwar reat li dwaru mhuwiex qed jigi imputat jew akkuzat fil-qorti kif jipprovdi l-istess art.409(A).

Illi di piu l-mandat ta' arrest fil-konfront ta' Mark Stephens inhareg mill-Qorti tal-Magistrati u mhux kif jitlob l-art.409(A) taht l-awtorita' tal-Pulizija jew awtorita' pubblika ohra u konsegwentement ir-rikorrent ma jistax jinvoka dan l-artikolu stante li l-arrest ta' Mark Stephens huwa wiehed legali mahrug taht l-awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess dan l-artikolu ma jaghti l-ebda dritt ta' appell lill-Avukat Generali izda huwa fid-deskrizzjoni tal-Qorti Kriminali li tara jekk effettivament l-arrest u l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tal-persuna mehlusa mill-arrest kienux imsejsa fuq xi provvediment tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra wara li din tiehu konjizzjoni ta' l-inkartament tal-proceduri li jkunu saru quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tad-decizjoni ta' din l-istess qorti u ghalhekk l-atti gudizzjarji tar-rikorrent tal-persuna li giet mehlusa mid-detenzjoni ikunu ser jigu studjati mill-Qorti Kriminali.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhomjigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi Mark Stephens, cittadin Ingliz u mhux residenti Malta, gie arrestat, bi skop ta' estradizzjoni lejn Malta, f' Awissu 2004 mill-awtoritajiet Spanjoli fi Spanja fuq mandat ta' arrest mahrug mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Struttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni kontra cittadini brittanici ohra li jinsabu Malta. Dan il-mandat hareg meta l-kumpilazzjoni kienet fi stadju ta' rinviju ghas-smigh tax-xhieda.

Il-Qorti bbazat l-awtorita' taghha ghal hurg ta' dan il-warrant fuq id-dispost tal-Artikolu 397 tal-Kap.9 u permezz tieghu ordnat l-arrest tal-imsemmi Mark Charles Stephens "to answer to charges of conspiracy in the importation of druts in terms of Article 22[1][e][f] of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta, and Article 120[A][1][e][f] of the Medical and Kindred Professions Act, Chapter 31 of the Laws of Malta".[Fol.14]

Illi sussegwentement ghal arrest tieghu Mark Stephens ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] Bhala Qorti Istruttorja in bazi tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 409A tal-Kap.9, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmi mandat ta' arrest, liema talba giet michuda.

Jidher li fuq il-fatti premessi ma hemmx kontestazzjoni.

Konsegwentement ir-rikorrent intavola l-proceduri odjerni li permezz taghhom qed isostni li l-arrest mahrug kontra tieghu huwa illegali ghax imur kontra dak kontemplat fl-Artikolu 5[1] u 5[4] tal-Konvenzjoni Ewropea; u dan ghal tlett ragunijiet [1] nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fuq ir-rikorrent; [2] nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistati [Malta] fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti Istruttorja; u [3] in-nuqqas tal-Artikolu 409A Kap.9 li jissodisfa l-vot tal-Artikolu 5[4] tal-Konvenzjoni. Ghaldaqstant qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-arrest warrant kontra tieghu mhux skond il-ligi, ir-revoka tal-istess mandat u konsegwenti talba ghall-estradizzjoni tieghu minn Spanja, dikjarazzjoni li l-Artikolu 409A ma jissodisfax pienament ir-rekwiziti tal-Artikolu 5[4], u finalment li din il-Qorti taghtih kumpens xieraq ghall-arrest illegali.

***Konvenzjoni [Kap.319]***

Illi l-Artikolu 5[1] tal-konvenzjoni jiddisponi li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet indikati fl-istess artikolu, u skond il-procedura preskritta mill-ligi. L-iskop tal-Artikolu 5 huwa "to ensure that no one be dispossessed of his liberty in an arbitrary fashion. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a

basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognized European Standards”. Inoltre dan l-Artikolu jipprovdi li “a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation.” [Law of the European Convention on Human Rights – Harris pg.97]

Illi ghalhekk l-ewwel indagini li ghandha ssir f’ dan il-kaz hija jekk l-arrest jew detenzjoni hijex sostnuta minn bazi legali skond il-ligi ta’ Malta. Fi kliem iehor, jekk il-mandat ta’ arrest mahrug mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja huwiex konformi mal-ligi: kemm ghal dik li hija gurisdizzjoni kif ukoll ghal dik li hija kompetenza tal-istess Qorti. Inoltre, f’ kaz affirmattiv, ghandhu jigi ezaminat jekk ir-rimedju provdut mill-ligi maltija that l-Artikolu 409A tal-Kap.12 huwiex konformi mad-dettami tas-sub inciz 4 tal-Artikolu 5.

***Gurisdizzjoni***

Illi l-Artikoli relevanti ghal din il-vertenza huma l-Artikolu 5[i] tal-Kodici Civili, kif ukoll l-Artikoli 22[1][e][f] tal-Kap.101u 120[A][1][e][f] tal-Kap.31, dan ta’ l-ahhar, ghalkemm f’ Kapitolu differenti, huwa simili ghal dak ta’ l-ewwel.

L-Artikolu 5[1] jddisponi li “l-azzjoni kriminali tista’ titmexxa f’ Malta, skond il-ligijiet taghha - …. [i] kontra kull min jaghmel reat li, b’ disposizzjoni espressa tal-ligi, jkun jikkostitwixxi reat wkoll meta jsir barra minn Malta.”

L-Artikole 22[1][e][f] Kap.101 jiddisponu li jkun hati ta’ reat kontra din l-Ordinanza kull min [e]“tkun cittadin ta’ Malta jew residenti permanenti f’ Malta, li f’ xi post barra minn Malta jikkostitwixxi reat ta’ bejgh jew traffikar ta’ medicina kontra din l-Ordinanza jew reat taht il-paragrafu [f] ta’ dan is-sub artikolu; jew” [sottolinear ta’ din il-Qorti]

[f] jassocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’ Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f’ Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, jew li jippromuovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni”.

Mill-premess jirrizulta li l-qrati maltin ghandhom gurisdizzjoni kontra kull persuna li taghmel reat li, b' ligi espressa, jkun reat anke jekk jigi kommess barra minn Malta. Il-ligi ma taghmilx kwalifika dwar il-persuna u ghalhekk tolqot lil kulhadd anke jekk dik il-persuna ma jkollhiex cittadinanza Maltija jew ma tkunx residenti Malta. Dak li huwa rikjest biex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi huwa ligi espressa li tiddikjara dak ir-reat bhala reat anke jekk kommess barra minn Malta.

Fil-kaz in disamina ma hemmx dubbju li l-Kap.101 fl-Artikoli 22[1][e] u [f] jikkontempla reati li huma meqjusa bhala reati f' Malta, u jirraddikaw il-gurisdizzjoni tal-qrati maltin, ghalkemm jkunu gew kommessi barra minn Malta. Is-sub inciz [e] jikkontempla l-kaz ta' cittadin Malti jew perusuna residenti f' Malta li, tikkommetti barra minn Malta, ir-reat ta' traffikar fid-droga, jew ir-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fis-sub inciz [f]. Dan jghati s-setgha lil qrati maltin fuq persuni li ghandhom wahda minn dawk il-kwalifiki, li meta jkunu barra minn Malta, jikkommettu reati kontemplati f' din l-Ordinanza u cioe' dak ta' traffikar ta' droga u dak ta' assocjazzjoni kif koncepti fis-sub inciz [f].

Is-sub inciz [f] minn naha tieghu jikkontempla r-reat ta' assocjazzjoni bi skop ta' traffikar ta' droga f' dawn il-Gzejjer, kommess minn persuni, f' Malta jew barra minn Malta. In propositu r-rikorrent isostni li dan is-sub inciz ghandh jinqara mas-sub inciz precedenti u jigi interpretat fid-dawl tal-kwalifika tal-persuna indikati f' dak is-sub inciz. Fi kliem iehor qed isostni li minn dawn iz-zewg sub artikoli "It is evident that crimes committed outside Malta must be by a Maltese citizen or a permanent resident."[Fol.6]. Skond hu, s-sub inciz [f] jaghmel sens jekk jigi meqjus bhala kontinwazzjoni tas-sub inciz [e] b' mod li sabiex il-qrati maltin ikollhom gurisdizzjoni fuq persuna li barra minn Malta tikkommetti r-reat ta' assocjazzjoni kif koncepit fl-[f] din trid tkun jew cittadin maltin jew residenti permanenti f' Malta.

Illi l-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb tar-rikorrent u dan in bazi ghal massima legali: ubi lex voluti lex dixit. Jekk verament il-legislatur ried li jillimita l-gurisdizzjoni tal-qrati maltin fuq r-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fis-sub inciz [f], meta dan jigi kommess barra minn Malta, ghal cittadini Maltin jew persuni residenti permanentement f' Malta, huwa kien jghid hekk espressament, kif ghamel fis-sub inciz precedenti u wkoll fl-Artikolu 48A tal-Kodici Civili li espressament jghid li l-agent li jassocja ruhu jrid ikun prezenti Malta, anke jekk l-persuni l-ohra jkunu barra minn Malta. Dan l-Artikolu jara hekk: " Kull min f' Malta jassocja ruhu ma xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta…" [sottolinear ta' din il-Qorti]. Fil-kaz tas-sub inciz [f] il-legislatur ma ghamilx din il-kwalifika u ubi lex non distinguit nec non distinguere debemus.

Inoltre, ma hemm xejn f' dawn is-sub incizi li jarmonizzaw mal-interpretazzjoni li qeda tinghata mir-rikorrent. L-unika referenza li hemm fis-sub inciz [e] ghas-sub inciz [f] hija unikament sabiex il-ligi tindika ghal liema reati japplika dan is-sub inciz; izda ma hemm xejn x' jindika li s-sub inciz [f] huwa kontinwazzjoni tas-sub inciz ta' qabblu; kif tindika wkoll il-kelma "jew" bejniethom. Dawn iz-zewg sub incizi huma differenti anke fil-hsieb taghhom ghax, filwaqt li s-sub artikolu [e] jippenalizza r-reat ta' traffikar meta jsir barra minn Malta [u allura wiehed jifehem il-kwalifika fil-persuna tal-agent], is-sub inciz [f] jikkontempla ir-reat ta' assocjazzjoni, jsir fejn isir u jsir minn min isir, bi skop ta' traffikar f' Malta, u allura wiehed jifhem ghaliex f' dan il-kaz il-legislatur ma imponiex il-kwalifika tac-cittadinanza Maltija jew tar-residenza, ghax dan huwa reat li ghandu bhala konsegwenza tieghu r-reat ta' traffikar f' Malta, u ghalhekk huwa ta' hsara u ta' theddida ghas-socjeta' Maltija.

Illi in bazi ghal-premess it-tesi tar-rikorrent dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati maltin hija insostenibbli fid-dritt.

***Kompetenza***

Illi r-rikorrent qed isostni li meta l-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja kienet ghalqet il-

kumpilazzjoni, u l-kaz kien rega' jinsab quddiemha fi stadju tar-rinviju mill-Avukat Generali, il-kompetenza taghha kienet limitata ghal dak li talab l-Avukat Generali fl-Att tar-rinviju, u allura ma setghetx tmur oltre t-termini tar-rinviju u tordna l-arrest ta' Mark Stephens biex jwiegeb ghall-akkuzi ta' assocjazzjoni fl-importazzjoni ta' droga f' Malta. Ir-rikorrent isostni li dan id-difett fil-kompetenza tal-Qorti jirrendi l-ordni ghal hrug tal-mandat ta' arrest priv minn legalita' minhabba li dik il-qorti agixxiet ultra vires. Illi f' dak l-istadju l-kumpilazzjoni kienet diga' inghalqet u ma setghetx terga' tinfetah, u ghalhekk il-fakolta' tal-Qorti Istruttorja li tordna l-arrest ta' persuna li jkun jidhrilha li tista tkun involuta f' kaz, ai termini tal-Artikolu 397 tal-istess Kap. kien spicca ma gheluq tal-kumpilazzjoni.

L-intimat minn naha tieghu jsostni in propositu li l-mandat inhareg mill-Qorti Istruttorja skond il-poteri taghha that l-imsemmi Artikolu u li meta l-atti regghu gew rinvijati lura mill-Avukat Generali, lil din l-istess qorti kompliet bl-Istruttorja taghha bis-seghet kollha moghtija mill-Artikolu 397.

Din il-Qorti tosserva li skond l-Artikolu 401 l-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar prorogabbli ghal raguni tajba mill-President ta' Malta ghal perijodu massimu ta' tlett xhur. F' dan iz-zmien il-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq bil-Qorti Istruttorja tiddeciedi jekk hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed that att ta' akkuza; u wara tordna li l-atti jigu rimessi lill-Avukat Generali sabiex dan l-ufficjal jibda d-deliberazzjonijiet tieghu dwar jekk johrogx l-att tal-akkuza jew inkellha jordnax l-liberazzjoni tieghu fit-termini tal-Artikoli 432 u 433 tal-Kap.9

Waqt dan l-ezsercizju l-Avukat Generali ghandu l-fakolta' li jrrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istuttorja biex tisma' xhieda gia mismugha jew tisma xhieda godda fit-termini tal-Artikolu 405. Dan isir permezz ta' nota bil-mitkub, imsejjah Att tar-Rinviju. Is-sub inciz [2] ta' dan l-Artikoli jiddisponi li "L-Avukat Generali ghandu, ghal dan l-iskop, jibghat lill-qorti l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien mat-talba tieghu bil-miktub, u fiha ghandu jfisser

fuqhiex ghandu jsir l-ezami jew l-ezami mill-gidid tax-xhieda" [sottolinear ta' din il-Qorti]. Is-sub inciz [3] jistipula li l-ezami tax-xhieda ghandu jsir quddiem l-imputat sabiex ikollu l-fakolta' tal-kontro ezami. Is-sub inciz [4] jiddisponi li "Jekk l-imputat imharrek ma jidhirx, ix-xhud jinstama' u x-xhieda tieghu titqies bhalli kieku giet mismugha quddiem l-imputat stess."

Mill-premess ghandu jirrizulta car is-segwenti:
[1] Illi l-kumpilazzjoni ex lege bil-fors trid tinghalaq fiz-zmien xahar prorogat ghal massimu ta' tlett xhur;

[2] Illi mal-gheluq tal-kumpilazzjoni l-Qorti Istruttorja ghandha tiddeciedi fuq bazi prima facie jekk l-imputat ghandux jitqieghed that att ta' akkuza;

[3] Illi f' dan l-istadju l-kumpilazzjoni tkun inghalqet u l-atti jkunu ntbaghtu lill-Avukat Generali;

[4] Illi meta l-atti jergghu jigu rinvijati lill-Qorti, il-kumpilazzjoni ma tergax tinfetah, fis-sens li l-Qorti Istruttorja ma tistax terga' tiddeciedi jekk ghadx hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed that att ta' akkuza, jew tbiddel id-decizjoni taghha u tghid li l-imputat ghandu jigi liberat [discharged], kif lanqas tista' f' dak l-istadju titrasforma ruhha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F' dan l-istadju l-funzjoni tal-Qorti hija limitata biss biex timsa x-xhieda kif mitlub fl-att tar-rinviju, imma zgur mhux biex terga tinfetah il-kumpilazzjoni. Dan jispjega ghaliex, filwaqt li l-presenza tal-imputat hija mehtiega ad validitatem matul il-kumpilazzjoni sabiex il-gbir tal-provi jsir kollu kemm hu fil-presenza tal-imputat, fl-istadju ta' rinviju s-smiegh tax-xhieda hemm indikati tista' ssir anke fl-assenza tieghu, purche' ikun debitament notifikat.

Il-kliem tal-ligi fl-Artikolu 405 huwa car u ma jhallix lok ghal dubju dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttoria f' dan l-istadju. Skond it-termini stretti ta' dan l-Artikolu din il-qorti ghandha l-funzjoni biss li tisma' xhieda li jindikati fl-Att tar-rinviju; u ma ghandha ebda seta' tkompli l-kumpilazzjoni oltre t-termini tar-rinviji, ghax il-kumpilazzjoni inghalqet defenittivament bid-decizjoni tal-Qorti fl-gheluq taghha.

Konformament ma’ dan il-Qorti [Corte Criminale] fil-kawza Rex vs Geraldo Ebejer deciza fl-4 ta’ Mejju 1931[Vol.XXVIII.IV.7] dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja fi stadju ta’ rinviju osservat: “Venendo quindi gli atti riminadati dal Pubblico Prosecutore alla Corte di Istruzione ……. dovra ottemperare a quanto le fosse stato richiesto dal Prosecutore Pubblico….. Questa Corte non pote’ fare altro, perche la competenza della stessa non puo estendersi oltre l’ oggetto e lo scopo del rinvio giusta ghal articoli 404 [illum 405] … E la Corte di Istruzione fece bene ad ottemperarsi unicament a quanto le aveva richiesto il Prosecutore Pubblico”. [sottolinear ta’ din il-Qorti].

Illi l-vexata quaestio hija jekk f’ dan l-istadju ta’ rinviju l-Qorti Istruttorja, in forza tas-seghat moghtija lill-Magistrat Istruttur, fl-Artikolu 397 tal-Kap.9 tistax tordna l-arrest ta’ persuna li mix-xhieda li tkun qed tisma f’ dan l-istadju jidhrilha li jista ‘jkun involut fil-kaz kemm bhala awtur kif ukoll bhala komplici. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-punt, ukoll ghaliex l-Imhallef sottoskritt, fl-esperjenza tieghu ta’ Magistrat, esperjenza l-fatt frekwenti, li l-kumpilazzjoni tinghalaq fi zmien qasir fit-terminu legali, u l-kumpilazzjoni tissokta b’ diversi rinviji sakemm eventwalment jigi l-atti jigu rinvijati bl-artikoli, jew inkellha l-Avukat Generali jiddeciedi li johrog l-att tal-akkuza.

Matul dawn ir-rinviji jinstemghu diversi xhieda, kemm dawk indikati mill-Avukat Generali, kif ukoll dawk imressqa mill-Pulizija, stante li fl-atti tar-rinviji l-Avukat Generali jinizzel li l-Qorti Istruttorja ghandha tisma “kull prova ohra li ggib il-pulizija”. Jigu nominati esperti tal-fotografija, u esperti forensici sabiex jezaminaw dokumenti u jghamlu r-rapport taghhom, kif ukoll jinstemghu rikorsi ghal helsien mill-arrest preventiv [bail], tibdil fil-kondizzjonijiet tal-bail u anke ghar-revoka tal-bail.

Illi in propositu l-Qorti hija tal-fehma li bil-mod kif inhuma mfasslin l-artikoli 401 sa 405 ma jhalli ebda dubbju li l-funzjoni tal-Qorti Istruttorja tispicca mal-gheluq tal-kumpilazzjoni, u fi stadju tar-rinviju l-funzjoni taghha hija limitata li taghmel dak li talab l-Avukat Generali, u fil-kaz

fejn dan jindika li l-qorti ghandha tisma kull prova ohra li ggib il-pulizija, tisma din il-prova u anke tinnomina esperti ghal preservazzjoni ta' dik il-prova; izda ma jidhirx li f' dan l-istadju din il-Qorti tista' tordna l-arrest ta' persuni involuti fil-kaz sabiex iwiegbu ghall-akkuzi. Aliter, li kieku l-arrest taghhom [wara d-debita notifika] kien mehtieg sabiex jinstemghu bhala xhieda mitluba mill-Avukat Generali jew mill-pulizija in bazi ghall-frasi fuq indikata; izda zgur mhux biex jitressqu u jirrispondu ghal akkuzi.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-mandat ta' arrest tal-5 ta' Frar 2004, kif mahrug, kontra Mark Charles Stephens jeccedi l-kompetenza tal-Qorti Istruttorja fi stadju ta' rinviju, stante wkoll li ma jirrizultax li dan kien mitlub mill-Avukat Generali u lanqas jidhol fl-ambitu ta' dak kontemplat fl-Artikolu 405 tal-Kap.9.

Illi in kwantu ghas-sottomissjoni tal-intimat rigward l-awtorita' tal-Qorti fi stadju tar-rinviju li tiddeciedi fuq kwistjonijiet ta' bail, kemm fuq rikors tal-pulizija kif ukoll fuq rikors tal-imputat, il-Qorti tirrileva li din il-fakolta' tal-Qorti ma temanix mill-imsemmi Artikolu 397 tal-Kap.9 imma torigina minn disposizzjoni ad hoc fil-Kodici Kriminali li taghti kompetenza lil Qorti tal-Magistrati u lil Qorti Kriminali "li that is-setgha taghha, skond il-kaz, ikun jew ghandu jkun detenut" [Art.580]. Fi kliem iehor, l-awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi rikors dwar liberta' provvizorja issib il-bazi taghha f' dan l-Artikolu tal-ligi, u ghalhekk fil-kaz li l-atti jkunu gew rimessi lil din il-Qorti ghas-smigh tax-xhieda, din il-Qorti ghandha l-fakolta' anke f' dan l-istadju li tiehu konjizzjoni ta' rikorsi ta' din in-natura.

Ghaldaqstant f' dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehema li t-tesi tar-rikorrenti hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt, bil-konsengwenza li l-arrest tieghu jinsab priv minn bazi legali u ghalhekk imur kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 5[1] tal-Konvenzjoni.

***Procedura ghall-ezami tal-legalita' tal-arrest***

Illi s-sub inciz 4 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jiddisponi li "Kull min ikun privat mill-liberta' tieghu b' arrest jew

detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi."
Minn din id-disposizzjoni jirrizulta manifest li dak li trid u tesigi l-ligi hu li minn ikun that arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaccedu quddiem qorti sabiex il-legalita' tal-privazzjoni tal-liberta' tieghu tigi ezaminata malajr, sabiex f' kaz li jirrizulta li d-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi, huwa jinheles immedjatament.

Illi r-rekwizit ta' din il-ligi jinsab introdott fl-istruttura legali nostrana permezz tal-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali li jikkontempla procedura li taghti dritt lill-persuna arrestata, mhux in konnessjoni ma reat li l-istess persuna tkun mixlija quddiem qorti, sabiex tikkontesta l-legalita' tal-arrest taghha. Bis-sahha ta' dan l-artikolu tal-ligi l-persuna arrestata tista tapplika quddiem il-Qorti tal-Magistrati, li ghandha jkollha l-istess seghtat li ghandha din il-Qorti bhala qorti struttorja, biex titlob il-helsien taghha mill-kustodja, liema rikors <u>ghandu jigi appuntat ghas-smigh</u> u trattat minn dik il-Qorti bl-urgenza.

Illi l-intimat jsostni fir-risposta tieghu li dan il-kaz ma japplikax ghar-rikorrent, stante li dan la hu mizmum mill-Pulizija u lanqas minn awtorita' pubblika ohra. F' dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li l-iskop u l-ispirtu tal-ligi in disamina huwa li tipprovdi procedura rimedjali lil persuna that kustodja quddiem qorti imparzjali u indipendenti, u dan fil-vesti tal-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk huwa rrilevanti jekk l-arrest ikunx sar mill-Pulizija fil-funzjonijiet taghha, jew inkella ordnat mill-istess Qorti, ghax il-pern hu li l-persuna arrestata <u>tkun tista' tikkontesta l-legalita'</u> tal-arrest taghha kif fuq indikat. Il-fatt li fil-kaz odjern l-arrest gie direttament ordnat minn qorti ma jimmilitax kontra d-dritt tieghu li jikkontesta l-legalita' tad-detenzjoni kontiwata tieghu, anke quddiem dik Qorti.

Is-sub inciz 3 tal-Artikolu 409A jistipula, inter alia, li jekk "l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent ma tkunx msejsa fuq ebda disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra li

tkun tawtorizza l-arrest jew detenzjoni, din ghandha tilqa' r-rikors".

Illi l-ilment tar-rikorrent rigward dan l-artikolu tal-ligi huwa li dan ma jissodisfax pienament ir-rekwiziti tal-Art.5[4] tal-Konvenzjoni ghax that dan l-Artikolu r-rikorrent arrestat ma jgawdix l-istess drittijiet u opportunitajiet li ghandu l-Avukat Generali, u dana b' referenza ghall-kontenut tas-sub inciz 4 tal-istess Artikolu 409A li jikkontempla l-kaz meta l-Qorti li ezaminat il-legalita' tal-arrest tiddeciedi li tilqa' r-rikors u tehles il-persuna detenuta.

Skond dan is-sub inciz, fil-kaz li t-talba tar-rikorrent tintlaqa' mill-Qorti, l-inkartament kollu ghandhu jintbaghat lill-Avukat Generali u dan jista jekk ikun tal-fehma li l-arrest jew detenzjoni kontinwa jkunu msejsa fuq provvediment tal-Kodici jew ta' ligi ohra, jaghmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali <u>sabiex jikseb mill-gdid l-arrest tal-persuna mehlusa</u>, u jibghat l-inkartament kollu lil din il-Qorti.
Il-Qorti wara ezami ta' dan l-artikolu tikkondividi t-tesi tar-rikorrent li dan ma jissodisfax pienament il-vot tal-Artikolu 5[4] tal-Konvenzjoni, in kwantu fil-waqt li jaghti forma ta' 'appell' lill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali f' kaz li t-talba tar-rikorrent tigi milqugha mill-Qorti tal-Magistrati, sabiex il-kaz jerga' jigi kkunsidrat minn dik il-Qorti; minn naha l-ohra r-rikorrent li jkollu t-talba tieghu michuda, ma ghandux la rimedju simili u lanqas rimedju iehor; u dan, apparti mill-fatt konspikwu, li, filwaqt li l-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija dettaljatament preskritta mill-ligi fis-sub incizi precedenti b' mod li tassikura s-smigh xieraq tar-rikors, fil-kaz tar-rikors quddiem il-Qorti Kriminali ma hemm xejn preskritt u fit-termini tal-istess ligi din il-Qorti tista tiddeciedi r-rikors fuq l-atti minghajr ma tappuntah ghas-smigh. Fi kliem iehor, apparti mill-fatt li din il-procedura mhix disponibbli ghar-rikorrent, l-istess rikorrent lanqas ghandu dritt jesigi, dejjem fit-termini tas-sub inciz in parola, li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-qorti, u dan fuq materja daqshekk importanti kif inhi l-liberta' ta' kull individwu. Ghaldaqstant anke it-tielet bazi tar-rikors tal-rikorrent huwa gustifikat.

***Kumpens***
Illi rigward il-kumpens xieraq dovut lir-rikorrent ghall-arrest illegali, jigi osservat li dan ghandu jkun relatat mal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali vjolat, u ghalhekk il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, il-kumpens ghandu jkun ta' Lm250 maltin.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi, filwaqt li tiddikjara li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni fuq ir-rikorrent in konnessjoni mar-reati kontemplati fl-Artikolu 22[1][f] tal-Kapitolu 101 u l-Artikolu 120A[1][f] tal-Kapitolu 31, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ser jinghad: billi tiddikjara li l-warrant of arrest mahrug kontra Mark Stephens ma nharigx skond il-ligi, u ghalhekk bi ksur tal-Artikolu 5[1] tal-Konvenzjoni Ewropea; tordna r-revoka tal-istess mandat u r-rilaxx tar-rikorrent mill-arrest; inoltre tiddikjara li l-Artikolu 409A tal-Kap.9 u precisament is-sub inciz [4] ma jissodisfax pienament ir-rekwiziti tal-Artikolu 5[4] tal-istess Konvenzjoni ghar-ragunijiet fuq indikati; u finalment tiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent minhabba l-arrest illegali fis-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin [Lm250].

L-ispejjez a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------